## Avviż lill-Azzjonisti rigward il-Laqgħa Ġenerali Annwali 2026

Għażiż Azzjonist/a,

Bil-preżenti qed jingħata avviż tal-laqgħa ġenerali annwali ("**AGM**") ta' The Convenience Shop (Holding) p.l.c. (il-"**Kumpanija**") li se ssir fl-1 ta' Lulju 2026 fl-16.30 gewwa Trident Park Conference Hall, Trident Park, Notabile Gardens, Mdina Road, Central Business District Zone 2, Birkirkara, CBD 2010, Malta.

L-AGM ser tikkunsidra u, jekk meqjus xieraq, tadotta r-riżoluzzjonijiet kif stipulati f'dan l-avviż:

1. **Ħatra tal-President tal-Laqgħa u Ftuħ tal-Laqgħa**

*2.* **Quorum**

**Riżoluzzjonijiet Straordinarji – Negozju Ordinarju**

3. **Approvazzjoni tad-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji Annwali**

   ***Proposta:*** *Il-Bord jipproponi li d-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2025, flimkien mar-rapport tad-diretturi u r-rapport tal-awdituri relattivi, jiġu riċevuti u approvati.*

4. **Dikjarazzjoni tad-Dividend**

   ***Proposta:*** *Il-Bord jipproponi li l-laqgħa tiddikjara dividend finali nett ta' €0.024 għal kull sehem ordinarju.*

5. **Ħatra u Remunerazzjoni tal-Awdituri**

   ***Proposta:*** *Il-Bord, f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Awditjar tal-Kumpanija, jipproponi li 'RSM Malta' jerġgħu jinħatru bħala l-awdituri tal-Kumpanija sat-tmiem tal-laqgħa ġenerali annwali li se ssir fl-2027. Il-Bord jipproponi wkoll li jkun awtorizzat biex jiddeċiedi r-remunerazzjoni tal-awdituri tal-Kumpanija.*

6. **Ħatra ta' Diretturi**

   Skont il-Memorandum u l-Istatut tal-Assoċjazzjoni tal-Kumpanija, id-Diretturi għandhom jirtiraw fl-AGM li jmiss. Il-Kumpanija ħarġet sejħa għan-nominazzjonijiet ta' persuni għall-ħatra bħala diretturi, u rċeviet sitt (6) nominazzjonijiet validi. Il-kandidati nominati huma kif ġej:

   (i) Charles Scerri;
   (ii) Ivan Calleja;
   (iii) Manuel Piscopo;
   (iv) Joseph Pace;
   (v) Patrick Hall; u
   (vi) Dr Maria P. Deguara.

Il-Kumpanija tikkonferma li kull persuna nominat għall-ħatra ta' direttur tal-Kumpanija ta / tat l-kunsens tiegħu/tagħha għan-nominazzjoni bħala direttur tal-Kumpanija u jissodisfa / tissodisfa r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà kif stipulat fl-Att dwar il-Kumpaniji, Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-azzjonisti għandhom jiddeċiedu dwar kull wieħed mill-kandidati nominati individwalment għall-ħatra tagħhom bħala diretturi tal-Kumpanija.

**Riżoluzzjonijiet Ordinarji – Negozju Speċjali**

**7. Remunerazzjoni tad-Diretturi**

***Proposta:*** *Il-Bord jipproponi li r-remunerazzjoni massima aggregata annwali pagabbli lid-Diretturi tal-Kumpanija u/jew tal-entitajiet sussidjarji tagħha tkun stabbilita għal tliet mija u għoxrin elf Ewro (€320,000) f'konformità mas-sena finanzjarja preċedenti.*

**Negozju Speċjali ieħor – Diskussjoni dwar ir-Rapport ta' Remunerazzjoni**

**8. Diskussjoni dwar ir-Rapport ta' Remunerazzjoni**

***Proposta:*** *Li ssir diskussjoni dwar ir-Rapport ta' Remunerazzjoni tal-Kumpanija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2025, skont ir-Regola 12.26L tal-Capital Markets Rules maħruġa mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.*

In-noti relatati mal-Laqgħa Ġenerali Annwali jiffurmaw parti minn dan l-Avviż.

**B'ordni tal-Bord.**

**Richard Deschrijver**
**Segretarju tal-Kumpanija**

**Date: 5 ta' Ġunju 2026**

**<u>Noti Importanti relatati mal-Laqgħa Ġenerali Annwali</u>**

1) **Data ta' Reġistrazzjoni (Record Date)**

Skont il-Memorandum u l-Istatut tal-Assoċjazzjoni tal-Kumpanija u r-Regola 12.18 tal-*Capital Markets Rules*, il-persuni li jkunu mniżżla bħala azzjonisti fir-reġistru tal-Kumpanija fiċ-Ċentru Depożitarju ta' Titoli tal-Borża ta' Malta sa t-tmiem tal-ġurnata tax-xogħol tal-1 ta' Ġunju 2026 (id-"Data ta' Reġistrazzjoni") ikunu intitolati li jirċievu avviż ta', jipparteċipaw fi, u jivvutaw fil-Laqgħa Ġenerali Annwali bħala azzjonisti. Kull trasferiment ta' ishma rreġistrat wara d-Data ta' Reġistrazzjoni ma jitqiesx għall-finijiet tad-determinazzjoni tad-dritt ta' parteċipazzjoni u votazzjoni fil-laqgħa ġenerali annwali.

2) **Votazzjoni permezz ta' Prokura**

L-azzjonisti li ma jkunux jistgħu jipparteċipaw personalment fil-jum tal-AGM huma mħeġġa jaħtru prokuratur sabiex jattendi u jivvota f'isimhom. Prokuratur jista', iżda mhux neċessarjament, ikun azzjonist u jista' jkun individwu jew persuna ġuridika. Azzjonist jista' jaħtar prokuratur billi jimla u jibgħat lura formola ta' prokura ffirmata.

Jekk tagħti direzzjonijiet lill-prokuratur tiegħek dwar kif tivvota, il-voti tiegħek jitqiegħdu fil-laqgħa skont dawn id-direzzjonijiet. Jekk ma tagħtix direzzjonijiet dwar kif għandu jivvota l-prokuratur, huwa jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu dwar jekk jivvotax u, jekk iva, kif jivvota.

Prokura tista' tiġi sottomessa lill-Kumpanija b'wieħed mill-modi li ġejjin:

(i) Billi tintbagħat il-formola ta' prokura mimlija fir-reġistru uffiċjali tal-Kumpanija ġewwa 8, Triq Ħal-Luqa, Ħal Qormi, QRM 9072, Malta, u indirizzata lis-Segretarju tal-Kumpanija; jew

(ii) Billi tintbagħat il-formola ta' prokura mimlija b'mod elettroniku fl-indirizz li ġej: tcsshareholders@my.mt.

Sabiex tkun valida, prokura trid tasal għand il-Kumpanija mhux aktar tard minn erbgħa u għoxrin (24) siegħa qabel l-AGM. Qed tiġi mehmuża ma' dan il-pakkett formola ta' prokura għall-konvenjenza tiegħek.

3) **Proċedura ta' Votazzjoni**

Il-Kumpanija irciviet rikjesta mill-maġġoranza tal-azzjonisti ai termini ta l-Att dwar il-Kumpaniji (Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-Memorandum u l-Istatut tal-Assoċjazzjoni tal-Kumpanija sabiex ir-riżoluzzjonijiet mressqa għall-vot tal-AGM jiġu deċiżi permezz ta' votazzjoni bil-għadd (poll). Għaldaqstant, l-azzjonisti għandhom vot wieħed għal kull sehem ordinarju mħallas kompletament li jkollhom. Sat-tmiem tal-ġurnata tax-xogħol fid-Data ta' Reġistrazzjoni, in-numru totali ta' ishma ordinarji maħruġa mill-Kumpanija kien ta' 30,800,000, kull wieħed b'valur nominali ta' sittax-il ċenteżmu (€0.16). Għaldaqstant, in-numru totali ta' drittijiet ta' vot huwa ta' 30,800,000.

4) **Dħul għall-AGM**

Id-dħul għal-Laqgħa Ġenerali Annwali u r-reġistrazzjoni tal-Azzjonisti jibdew fl-16.00. Il-laqgħa tibda fl-16.30. Malli l-laqgħa tibda tivvota fuq l-ewwel punt tal-Aġenda, id-dħul għal-laqgħa mhux permess.

Sabiex jidħlu għal-laqgħa, l-Azzjonisti (jew il-prokuratur tagħhom debitament maħtura) huma meħtieġa jippreżentaw dan l-Avviż flimkien ma' kopja tal-karta tal-identità tagħhom jew mezz ieħor validu ta' identifikazzjoni.

Meta Azzjonist ikun persuna ġuridika, inkluż kumpanija, sħubija, assoċjazzjoni ta' persuni, fondazzjoni jew entità oħra, rappreżentant debitament awtorizzat ikun jista' jirrappreżenta lil tali Azzjonist fl-AGM biss jekk id-dokument ta' awtorizzazzjoni rilevanti jkun wasal għand il-Kumpanija qabel l-AGM.

Skont l-Artikolu 2.13 tal-Istatut tal-Kumpanija, fir-rigward ta' ishma miżmuma b'mod konġunt minn diversi persuni, id-detenturi konġunti jistgħu jinnominaw wieħed minnhom bħala r-rappreżentant tagħhom u ismu/isimha jiddaħħal fir-Reġistru tal-Azzjonisti. Fin-nuqqas ta' tali nominazzjoni, il-persuna msemmija l-ewwel fir-Reġistru tal-Azzjonisti fir-rigward ta' dawn l-ishma titqies għall-finijiet kollha bħala l-azzjonist irreġistrat u tkun l-unika persuna eliġibbli biex tattendi u tivvota fil-laqgħa.

Parkeġġ mingħajr ħlas se jkun disponibbli soġġett għall-Azzjonisti li jżommu l-biljett tal-parkeġġ tagħhom għall-validazzjoni fir-reception tal-post. Għal aktar dettalji, jekk jogħġbok staqsi fil-jum tal-AGM fuq l-iskrivanija tar-reġistrazzjoni.

**5) Dritt li jsiru Mistoqsijiet**

L-Azzjonisti li jattendu l-AGM (jew personalment jew permezz ta' prokura) għandhom ikollhom opportunità raġonevoli li jagħmlu mistoqsijiet waqt l-AGM li jkunu pertinenti u relatati mal-punti tal-aġenda tal-AGM, u li jingħataw tweġibiet għal dawn il-mistoqsijiet mid-Diretturi jew minn persuni li d-Diretturi jistgħu jinnominaw biex iwieġbu tali mistoqsijiet.

Sabiex il-proċedimenti jimxu b'mod effiċjenti, l-Azzjonisti huma mħeġġa jibagħtu l-mistoqsijiet qabel l-AGM jew bil-posta fl-uffiċċju rreġistrat tal-Kumpanija jew permezz tal-email segwenti: tcsshareholders@my.mt, u dan sa mhux aktar tard minn jumejn (2) qabel id-data tal-AGM.

Il-Kumpanija se tagħmel l-almu tagħha biex tindirizza kemm jista' jkun mill-mistoqsijiet rilevanti li jsiru matul il-laqgħa. Madankollu, ma jkunx meħtieġ li tingħata tweġiba għal mistoqsija meta:

a) it-tweġiba tfixkel b'mod eċċessiv it-tħejjija għal-laqgħa, tinvolvi żvelar ta' informazzjoni kunfidenzjali jew tikkawża ħsara lill-interessi kummerċjali tal-Kumpanija;
b) it-tweġiba diġà ngħatat fuq il-sit tal-Kumpanija fil-forma ta' tweġiba għal mistoqsija;
c) ma jkunx fl-interess tal-ordni tajba tal-laqgħa li tingħata tweġiba; jew
d) il-Kumpanija ma tkunx tista' tipprovdi tweġiba immedjata. Jekk il-Kumpanija ma tkunx tista' tipprovdi tweġiba immedjata, hija għandha tippubblika t-tweġiba kemm jista' jkun malajr wara l-AGM taħt it-taqsima 'Investor Information' fuq il-sit tal-Kumpanija.

**6) Dokumenti sottomessi lill-AGM**

Id-dokumenti li għandhom jiġu sottomessi lill-AGM u l-abbozzi tar-riżoluzzjonijiet proposti li għandhom jiġu kkunsidrati u mressqa għall-vot fl-AGM ġew mibgħuta lill-Azzjonisti kif meħtieġ skont il-*Capital Markets Rules* u huma wkoll disponibbli fl-uffiċċju reġistrat tal-Kumpanija u fit-taqsima 'Investor Information' fuq is-sit tal-Kumpanija.

Skont ir-Regola 12.10.5 tal-*Capital Markets Rules*, l-informazzjoni kollha msemmija fir-Regola 12.11 hija disponibbli fit-taqsima 'Investor Information' fuq is-sit tal-Kumpanija.

**7) Rapport ta' Remunerazzjoni**

Il-Kumpanija tikkwalifika bħala intrapriża żgħira skont id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet

finanzjarji konsolidati u rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' intrapriżi, li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE.

Għaldaqstant, skont ir-Regola 12.26L tal-Kapitolu 12 tal-*Capital Markets Rules* maħruġa mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, il-Kumpanija qed tippreżenta r-Rapport ta' Remunerazzjoni għad-diskussjoni fil-Laqgħa Ġenerali Annwali.